26 ta' Mejju, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Salvatore Desira pr. et ne. *versus* Brother Domenico Rosso ne.

**Depożitu — Tradizzjoni — Danni — Art. 1993 u 1995 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex ikun hemm il-figura ġuridika tad-depożitu jrid ikun hemm il-konsenja ta' l-oġġett lid-depożitarju, u jeħtieġ li dan jirċievi dak l-oġġett u jobliga ruħu li jikkustodih gratuwitament u jikkonsenjah in natura fuq sempliċi rikjesta lil min huwa ntitolat jirtirah minn għandu. Għax id-depożitu huwa kuntratt reali, li jiġi perfezzjonat bit-tradizzjoni tal-ħaġa li tifforma l-oġġett tad-depożitu. Meta ma jirrikorrux dawn l-elementi, ma hemmx depożitu; u l-persuna li għandha jiġi pretiż li ġie depożitat l-oġġett ma hix responsabbli għad-danni, iekk dan l-oġġett jiġi nieqes mill-post fejn ħallieh sidu.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li ppremetta illi ibnu Joseph Desira, fiż-żmien li kien qiegħed jiffrekwenta l-iskola, ikkonsenja lill-konvenut nomine l-bicycle tiegħu biex tiġi konservata fil-post li dana indikalu; u illi, meta ibnu mar biex jirtiraha, dina ma nstabitx, u l-konvenut nomine ma jridx iħallas il-prezz tagħha; talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut nomine jkun ikkundannat iħallsu somma ta' flus ekwivalenti għall-prezz ta' l-imsemmija bicycle, prezz illi għandu jiġi stabbilit, okkorrendo, fuq stima ta' perit li għandu jiġi nominat mill-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, li ġie nġunt biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi Joseph Desira, tifel minuri tal-konvenut, kien jiffrekwenta l-istudji fil-kulleġġ "De La Salle", Bormla, dirett mill-konvenut Brother Rosso. Billi joqgħod iż-Żejtun, Desira kien imur il-kulleġġ ġeneralment bil-bicycle, bħalma jagħmlu diversi skulari oħra li joqogħdu 'l-bogħod minn Bormla. Dawn

il-bicycles, mill-bidu u sakemm jispiċċa l-ħin ta' l-iskola, kienu jitpoġġew aktarx fl-entrata tal-kulleġġ, taħt taraġ; il-klassijiet tal-kulleġġ huma kollha fil-pjan superjuri. It-tifel ta' l-attur kien isegwi dan l-użu, wara li huwa kien xtara bicycle. Wara li dam jagħmel hekk għal xi żmien, huwa beda jħalli l-bicycle f'ħanut viċin il-kulleġġ. Darba l-konvenut osserva lil Joseph Desira dieħel f'dak il-ħanut, u staqsieh x'kien mar jagħmel hemmhekk, u Desira wieġbu li kien mar għall-bicycle. Il-konvenut osservalu li huwa ma riedux jidħol f'dak il-ħanut jew f'xi ħanut ieħor; u għall-mistoqsija ta' Desira x'kellu allura jagħmel bil-bicycle, il-konvenut wieġbu biex ipoġġih fil-kulleġġ bħal ma kien jagħmel qabel. Allura Desira reġa' beda jpoġġi l-bicycle fl-entrata tal-kulleġġ bħal qabel. In segwitu, lil Desira naqaslu dak il-bicycle, u ppretenda l-prezz tiegħu minn għand il-konvenut. Billi dan allega li ma kienx responsabili għan-nuqqas ta' dak il-bicycle, l-attur ġie 'l quddiem b'din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jippretendi illi f'dan il-każ jittratta minn depożitu, billi ibnu kkonsenja l-bicycle lill-Konvenut u dan irċevieh; u għalhekk, ladarba naqas dak il-bicycle, il-konvenut huwa marbut bl-obligazzjonijiet kollha ta' depożitarju;

Illi ma jidherx li f'dan il-każ tirrikorri l-figura ġuridika tad-depożitu. Hu indubitat fid-dottrina li, biex ikun hemm id-depożitu, irid ikun hemm il-konsenja ta' l-oġġett lid-depożitarju, u dan jirċievi dak l-oġġett u jobliga ruħu li jikkustodih gratuwitament u jikkonsenjah in natura fuq sempliċi talba tad-depożitant. Id-depożitu jiġi perfezzjonat bir-riċeviment tal-ħaġa depożitata, u kwindi bit-tradizzjoni; għaliex il-kuntratt tad-depożitu hu reali, u għalhekk ma jistax isir ħlief bit-tradizzjoni, bil-konsenja (Baudry-Lacantinerie, Del Deposito, para. 1020; Ricci, Vol. IX, para. 224; Laurent, Vol. XXVII, para. 69; Pothier, Del Contratto di Deposito, para. 7). L-istess ħaġa jinsab dispost mill-liġi;

Id-depożitu huwa kuntratt li bih wieħed jirċievi l-ħaġa ta' ħadd ieħor, bl-obligu li jikkustodiha u li jroddha in natura (art. 1993 Kap. 23); id-depożitu hu perfett biss bil-konsenja tal-ħaġa lid-depożitarju (art. 1995 (1) Kap. 23);

Issa, fil-każ taħt eżami, it-tifel ta' l-attur ma kkonsenjax il-bicycle lill-konvenut jew lil xi ħadd minfloku; lanqas ma kien hemm l-obligu espress jew taċitu li l-konvenut kellu jikkustodixxi dak il-bicycle; u wisq anqas li jirrestitwieh lil xi ħadd. Il-konvenut kien sempliċement ta permess lit-tifel ta' l-attur, bħal ma ta lit-tfal l-oħra tal-kulleġġ *li jmorru hemmhekk* bil-bicycle, li jħalli l-bicycle fil-kulleġġ; u dan il-permess kien taċitu, għaliex ma jirriżultax li xi darba t-tifel ta' l-attur talab lill-konvenut biex iħalli l-bicycle tiegħu fil-kulleġġ tul il-ħin ta' l-iskola; anzi jirriżulta li lanqas ma hemm fil-kulleġġ xi post destinat apposta biex jitqiegħdu fih il-bicycles tat-tfal li jiffrekwentaw il-kulleġġ; għaliex ġie pruvat li kull tifel ipoġġi l-bicycle tiegħu, min ikollu wieħed, fejn jidhirlu huwa l-aħjar, jiġifieri fuq ir-responsabilità tiegħu. M'huwiex negat li l-konvenut kien jaf li t-tifel ta' l-attur kien ġeneralment jieħu l-bicycle tiegħu, wara li xtrah, f'dak il-kulleġġ; imma dan ma jfissierx, u ma jġibx miegħu, xi obligu fil-konvenut ta' depożitarju. *U tant il-konvenut ma kellux jikkonsenja l-bicycle* lit-tifel ta' l-attur, u dan ma setax jeżiġi konsenja tieħu minn għandu, illi l-istess tifel ta' l-attur qatt ma kkonsenja l-bicycle lil ħadd, imma, meta huwa kien jasal il-kulleġġ, huwa kien ipoġġieh fejn kien jidhirlu, u wara li tispiċċa l-iskola kien jieħdu huwa stess minn fejn kien ikun poġġieh, mingħajr ma jitlob lil ħadd *biex jirrestitwihulu*.............. *Dan hu korroborat* miċ-ċirkustanza illi, meta t-tfel ta' l-attur kien ħa l-bicycle fil-ħanut, huwa kien ħadu hemmhekk mingħajr ma qal xejn lill-konvenut, li kien minn għalih li dak it-tifel kien għadu jpoġġi l-bicycle tiegħu fil-kulleġġ bħas-soltu u kif kienu jagħmlu sħabu l-oħra. Kieku kien hemm id-depożitu, u kwindi l-obligu tar-restituzzjoni, hu *naturali* li *t-tifel ta' l-attur ma kienx ikun* jista' jirtira l-bicycle mill-kulleġġ jekk ma jkunx tahulu l-konvenut jew xi ħadd minfloku;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---